
MONSINIOR.VESCOVO.FRA
BARTOLOMEO.RULL.CON.
DECRETO.DEL.13.AGOSTO
9.CONCEDE.L.INDULGE
ZA.DI.GIORNI.40.CHE.REC
TA.TRE.AVE.INNANZI
A QUEST.IMMAGINE

# In-Niċċa tal-Lunzjata

**Joseph Mercieca**

■ Minn din is-sena se nibdew nħarsu ftit lejn niċeċ li nsibu fir-raħal tagħna. Naħseb li l-aktar niċċa magħrufa fir-raħal tagħna hi bla dubju n-niċċa tal-Lunzjata li tinsab fi Triq tal-Barrani.

Wara li bdew isiru n-niċeċ fit-toroq fis-seklu 18 ma setax jonqos li f'Ħal Tarxien ma ssirx xi niċċa tal-Lunzjata li hija it-Titular tal-Knisja Parrokkjali. Din saret f'Salib it-Toroq li jifirdu Ħal Tarxien miż-Żejtun u l-Gudja fl-inħawi msejħa tal-Lunzjata. Fil-bidu tat-triq tal-Barrani jiġifieri barra raħal jew aħjar qrib ir-raħal biex turi li dan ir-raħal huwa taħt il-patroċinju ta' Marija Annunzjata. Din ġiet mibnija f'salib it-toroq qrib salib antik tal-ġebel, dan is-salib sar meta Ħal Tarxien sar Parroċċa (1592) biex jifred il-limiti Parrokkjali mill-Gudja. Patri Kornelju Bonello, Kapuċċin mill-istess raħal jgħid li din in-niċċa saret bi flus ċorma nies mir-raħal stess li kienu jbaħħru fuq bastimenti ta' negozjanti Maltin li kienu taw ruħhom għan-negozju tal-qoton fi Spanja u l-Portugall. Fi żmien il-Gran Mastru Pinto (1741-73) xi wħud minn dawn in-negozjanti kienu għaddew f'Genova, belt li qiegħda fuq il-baħar u hemm sabu li f'Savoia kien hemm Ordni tal-Kavallieri tal-Lunzjata mwaqqfa mid-Duka Amadeo għall-ħabta tal-1409 biex jgħinu lill-pellegrini u lill-iltiema.

Din in-niċċa għandha għamla ta' bini iżda b'linji ta' arkitettura Barrokka u fiha saret ix-xbiha tal-Madonna u l-Anġlu Gabriel waqt li fil-għoli tidher wkoll il-ħamiema, simbolu ta' l-Ispirtu Santu maħduma fil-ġebel, xogħol bassoriljev ta' l-Iskultur Malti Salvu Muscat minn Ħal Tarxien. Taħt din in-niċċa tinsab irħama miktuba bil-Latin li tgħid li min jgħid tliet Ave Marijiet quddiem din ix-xbiha jirbaħ 40 jum indulgenza mogħtija mill-Isqof Fra Bartolomew Rull, Isqof ta' Malta, u ġġib id-data tat-13 ta' Awissu 1769. Kienu bosta dawk il-persuni li kienu jieħdu ħsieb din in-niċċa fosthom Saver Gatt minn Ħal Tarxien li dam jieħu ħsiebha għal 40 sena. Saver kien miet fis-26 ta' Settembru 1850. Persuna oħra li kien jieħu ħsieb din in-niċċa kien ċertu Salvu Cassar imlaqqam iz-'Zakak', dan għamlu għax kien jaħdem in-nar u korra, baqa' bla id il-leminija iżda b'id waħda kien iġorr is-sellum biex jixgħel il-fanal li kien fil-għoli 20 pied.

Matul iż-żmien din in-niċċa wkoll laqtet xi ħsarat fosthom ftit żmien ilu meta ġiet milquta minn vettura kbira. Fl-1924 din in-niċċa ġiet imħarbta u mwaqqa' minn sajjetta, iżda reġgħet ittellgħet u nbniet ftit wara. Żgur li din in-niċċa li bnewha aktar minn mitejn sena ilu tibqa' waħda mill-aktar niċeċ popolari għall-qalb it-Tarxiniżi li hija ddedikata lil Ommna Marija Annunzjata.

*Referenzi: Vincent Battistino: Ħal Tarxien*
*Gatt Ġużè - il-Malti; Rafel Bonnici Calì: Leħen is-Sewwa.*